*LOAN ACCOUNT - TALBA DIKJARATORJA*

*ONERU TA' PROVA TA' TRANSAZZJONI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Jannar 2000**

**Kawza Numru: 14**
**Citazzjoni Numru: 19/2000/RCP**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Alfred u Georgina mizzewgin Cauchi**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi is-socjeta attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet *Loan Facility* lill-konvenuti Alfred Cauchi;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Alfred Cauchi fl-ammont ta' elfejn, tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm2,323.12) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti Alfred u Georgina mizzewgin Cauchi gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1996 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti Alfred u Georgina mizzewgin Cauchi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm2,323.12) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1996 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta'

Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-16 ta' Marzu 2000 fejn peress li kien ghadu ghaddejn it-terminu ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet, il-kawza giet differita ghat-18 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 15 tal-process fejn gie ecceppit:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici kif impostata hija irritwali u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkundanna lill-eccipjenti jhallsu ammonti minghajr dikjarazzjoni precedenti li l-istess eccipjenti huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammonti indikati minnha;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti pretizi minghand l-eccipjenti qeghdin jigu kontestati stante illi mhumiex kollha dovuti;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' ftehim bonarju li bih is-socjeta attrici accettat li tircievi s-somma ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar sakemm jigi saldat id-debitu, u ghalhekk iz-zmien ghall-hlas ghadu qieghed jiddekorri;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 16 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2000 fejn il-konvenuti u d-difensuri taghhom imsejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux. Paul Gambina ghas-socjeta` attrici bil-gurament tieghu kkonferma c-citazzjoni attrici u li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza u ddikjara li ma jezisti ebda ftehim bonarju kif allegat fit-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti. Dr Dominic Cassar iddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-21 ta’ Gunju 2000.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Gunju 2000 u tat-13 ta’ Lulju 2000 fejn Dr A Mifsud Bonnici talab differiment biex iressaq il-provi. Inghata digriet tal-affidavit. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenuti ghad-9 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-konvenut Alfred Cauchi tal-24 ta' Awissu 2000 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu a fol 24 sa 27 tal-process.

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2000 fejn Dr Aron Mifsud Bonnici ghall-konvenut talab differiment peress li ghal xi raguni l-konvenut ma giex illum, liema raguni ma kienx jaf x'hini. Dr D Cassar ghas-socjeta` attrici oppona ghal dan id-differiment peress li l-konvenut kien qed jipproponi li jhallas mensilment Lm50 fix-xahar izda lanqas dan ma hallas. Din il-proposta qatt ma giet accettata. Inghata digriet fejn il-Qorti rat li l-kawza kienet differita ghal din is-seduta ghall-provi kollha tal-konvenuti u dawn baqghu ma dehrux bla gusta kawza. Il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti ghal differiment peress li ma hijiex gustifikata u ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqin u halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-25 ta' Jannar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta` attrici qed tallega li l-konvenuti huma debituri taghha fl-ammont ta' Lm2323.12

rapprezentanti debitu fil-*loan account* li l-istess konvenut ghandu mas-socjeta` attrici bl-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1999 sal-effettiv pagament.

Illi tali allegazzjoni attrici dwar in-natura tad-debitu ma gietx kontestata mill-konvenuti u fil-fatt is-socjeta` attrici anke prezentat ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1996 kontra l-istess konvenuti mill-liema data jirrizulta li thallsu certu ammonti akkont mill-istess konvenuti pero` xorta wahda baqa' bilanc ta' Lm2323.12 li huwa l-mertu tac-citazzjoni odjerna.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-azzjoni attrici hija ritwali peress li ma ntalbitx dikjarazzjoni li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici.

Illi tali eccezzjoni m'ghandha ebda fondament legali stante li tali talba ghall-dikjarazzjoni jirrizulta li ma hemmx bzonnha anke peress li t-talba attrici hija konsegwenza tal-premessi tac-citazzjoni u mill-istess premessi johrog car il-kawzali ta' l-istess citazzjoni u l-mertu tal-kawza.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l-ammonti pretizi qed jigu kontestati u mhux dovuti.

Illi anke din l-eccezzjoni hija legalment u fatwalment infondata stante li lanqas mill-affidavit tal-konvenut

ma huwa qed jirrizulta ghaliex l-ammont rikjest mis-socjeta` attrici qed jigi kontestat. Mhux biss izda l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici jinsab dettaljatament konfermat mill-i*statements* esebiti mac-citazzjoni attrici a fol 5 u 6 tal-process - Dok A1 u Dok A2. Mill-provi prodotti mill-konvenuti tali ammonti ma gew bl-ebda mod kontrastati jew kontradetti u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi r-relazzjoni bejn il-partijiet tinsab regolata permezz ta' ftehim bonaraju fejn is-socjeta` attrici qed jinghad li accettat li tircievi s-somma ta' Lm50 fix-xahar sakemm jithallas id-debitu kollu u ghalhekk l-ammont mitlub mhux dovut stante li ghad iridu jsiru tali pagamenti mensili.

Illi la darba dan il-ftehim qed jigi allegat mill-konvenut jinkombi fuq l-istess konvenuti li jippruvaw l-ezistenza tieghu, izda mill-affidavit ta' l-istess konvenut ma jirrizulta bl-ebda mod li kien hemm mas-socjeta` attrici ftehim f'dan is-sens. Fil-fatt kull ma jirrizulta mill-istess affidavit huwa li sar kliem f'dan is-sens izda m'hemm l-ebda prova kwalunkwe li dan il-ftehim gie b'xi mod konkluz jew accettat mis-socjeta` attrici.

Illi din il-Qorti tapprezza id-diffikultajiet li ghandhom l-istess konvenuti u anke tasal biex tadher lill-istess izda dan mhux bizzejjed sabiex jigu accettati l-

eccezzjonijiet tal-konvenuti ghaliex din il-Qorti hija tenuta w obbligata li timxi fuq il-provvedimenti tal-ligi u tapplika l-istess u xejn izjed.

Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti m'ghandha ebda alternattiva ohra hlief li tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti stante li l-istess eccezzjoni lanqas biss giet sostanzjata bi provi.

Ili ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici** b'dan illi:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti Alfred u Georgina mizzewgin Cauchi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm2,323.12) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1996 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' Jannar 2001**